**23 ta' Frar, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

Lewis Borg

*versus*

Avukat Dr. Giuseppe V. Salomone

**Taxxa — Avukat — Titolu — Eżekuzzjoni — Kompetenza — Nullità — Art. 262 tal-Proċedura Ċivili.**

*Fil-waqt li l-eżekuzzjoni tas-sentenzi ssir mill-Qorti li minnha jiġu mogħtija, kull titolu ieħor eżekuttiv, fosthom taxxa tad-drittijiet u spejjeż ġud'zzjarji maħruġa favur ta' avukat, hu eżegwibbli mill-Qorti li hija kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-oġġett tat-titolu.*

*Għaldaqstant, jekk il-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kreditu tal-avukat hija l-Qorti Inferjuri, it-taxxa li minnha jirriżulta dak il-kreditu hija eżegwibbli mill-Qorti Inferjuri; u jekk l-avukat jottjeni kontra l-pretiż debitur tiegħu mandat eżekuttiv mill-Qorti Superjuri, dak il-mandat huwa null, għax maħruġ minn Qorti nkompetenti.*

*Xejn ma jiswa li t-taxxa ġiet maħruġa mis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili; għax it-tassazzjoni mhix att tal-Qorti, imma att tar-Reġistratur, u lill-Qorti tappartjeni biss il-konjizzjoni tal-kontroversji relattivi għat-taxxi magħmula mir-Reġistratur, meta tiġi mpunjata l-attendibbilità jew il-korrettezza tagħhom minn min ikollu nteress.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li jippremetti illi fit-22 ta' Diċembru 1959 il-konvenut talab u ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' qbid (dok. A) kontra tiegħu għas-somma ta' £8.6.2, minnu pretiżi bħala drittijiet professjonali in konnessjoni ma' permuta li kienet sejra ssir bejnu u Antonio u Josephine miżżewġin Zammit, li kienu sejrin jisselfu minn għand terza persuna; u illi dik il-permuta ma seħħitx u l-attività tal-konvenut ma ġietx prestata għalieh, u f'kull każ il-kreditu pretiż mill-konvenut la huwa solidali u lanqas huwa eżegwibbli minn din il-Qorti; jitlob illi, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċes-

sarji u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, għar-raġunijiet premessi jiġi l-imsemmi mandat ta' qbid tat-22 ta' Diċembru 1959 dikjarat null u mingħajr effett, u kwindi tiġi ordnata r-revoka tal-istess mandat; salva kull azzjoni tiegħu għad-danni. Bl-ispejjeż tal-ġudizzju, komprizi dawk tal-ittra uffiċjali tad-19 ta' Ottubru 1959, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti tal-kawża huma dawn. Il-konvenut ippretenda li pprestа servizi professjonali, u żborża spejjeż in konnessjoni mal-istess servizi, għall-attur u ċerti Antonio u Josephine miżżewġin Zammit. Fuq talba tiegħu, ġiet lilu rilaxxjata mir-Reġistratur, għal dawn id-drittijiet u spejjeż, taxxa fis-somma ta' £8.6.2. Din it-taxxa l-konvenut irrendiha eżegwibbli kontra l-attur u l-miżżewġin Zammit b'ittra uffiċjali tal-14 ta' Ottubru 1959; u fit-22 ta' Diċembru 1959 huwa talab u ottjena minn din il-Qorti l-ispedizzjoni kontra l-attur ta' mandat ta' qbid in eżekuzzjoni tal-istess taxxa. Bil-kawża odjerna l-attur qiegħed jitlob ir-revoka tal-imsemmi mandat, prevja d-deklaratorja tan-nullità u n-nuqqas ta' kull effett tiegħu, għal diversi raġunijiet, ċjoè għaliex l-operazzjoni li għaliha ġew reżi l-prestazzjonijiet pretiżi mill-konvenut ma seħħewx, għaliex l-attività tal-konvenut ma ġietx prestata għalieh, u, f'kull każ, għaliex il-kreditu pretiż mill-konvenut la hu solidali u lanqas ma hu eżegwibbli minn din il-Qorti;

Illi, kif ingħad, l-attur qiegħed jibbaża d-domanda tiegħu fuq il-kawżali, fost oħrajn, li l-kreditu pretiż mill-konvenut mhux eżegwibbli minn din il-Qorti, jew, kif inhu espost fid-dikjarazzjoni tiegħu, li l-mandat indikat fiċ-ċitazzjoni ġie eżegwit f'Qorti inkompetenti minħabba t-tenwità tal-kreditu;

Ikkunsidrat, rigward it-talba tal-attur fuq din il-kawżali;

Illi t-titolu li in eżekuzzjoni tiegħu l-konvenut ottjena kontra l-attur il-mandat indikat fiċ-ċitazzjoni hu t-taxxa imsemmija. Skond l-art. 262 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (Kap. 15), l-eżekuzzjoni tas-sentenzi ssir mill-Qorti li minnha jiġu mogħtija; kull titolu eżekuttiv ieħor, fosthom it-taxxi ta' drittijiet u spejjeż ġudizzjarji favur ta' avukat, hu eżegwibbli mill-Qorti li hi kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-oġġett tat-titolu. Mhux kontestat li l-oġġett tat-titolu tal-konvenut hu l-kreditu minnu pretiż ta' £8.6.2; u kwindi l-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' dan il-kreditu hi l-Qorti Inferjuri (art. 46 Kap. 15); dak il-mandat, għalhekk, ma kienx eżegwibbli minn din il-Qorti. Il-konvenut jagħti x'jifhem li l-mandat kien eżegwibbli minn din il-Qorti, billi jissottometti li dik it-taxxa ġiet rilaxxjata mis-Sekond'Awla ta' din il-Qorti. Din is-sottomissjoni mhix korretta. Hu biżżejjed notorju li dik it-tassazzjoni mhix att tal-Qorti, imma hi att tar-Reġistratur fl-eżerċizzju tad-doveri tiegħu inerenti mal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja; lill-Qorti tappartjeni biss il-konjizzjoni tal-kontroversji relattivi għat-taxxi magħmula mir-Reġistratur, meta tiġi mpunjata l-attendibbilità jew il-korrettezza tagħhom minn min ikollu nteress;

Illi għalhekk il-mandat ġa msemmi, bħala li ġie eżegwit minn Qorti inkompetenti, hu null u mingħajr effett, għaliex kwalunkwe att li jemana minn Qorti nkompetenti hu null, u huma ugwalment nulli l-atti magħmula in forza jew in konsegwenza tiegħu (art. 95. 792 Kap. 15); u d-domanda tal-attur, fuq din il-kawżali, għandha tiġi akkolta;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi, wara li tiddikjara li l-mandat imsemmi fiċ-ċitazzjoni hu null u mingħajr effett għaliex ġie eżegwit minn Qorti inkompetenti, tilqa' d-domanda tal-attur, u hekk tordna r-revoka tal-istess mandat. L-ispejjeż iħallashom il-konvenut.